MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1421/1992/1

**Giuseppi Sciortino, Caterina mart Giuliano Gatt u Filippa mart Anthony Farrugia, assistiti mir-rispettivi zwieghom bhala kapijiet tal-komunjoni tal-akkwisti u amministraturi tal-beni parafernali ta' marthom**

**v.**

**Alfred Sciortino**

**Il-Qorti,**

**Preliminari,**

B’citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Dicembru 1992 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew illi b’kuntratt tal-31 ta’ Dicembru 1988 missierhom Francesco Saverio Sciortino, illum mejjet, ittrasferixxa b’titolu ta’ tpartit lill-konvenut l-ghalqa tal-Hrieri, limiti ta’ Haz-Zebbug, tal-kejl circa tlett elef tliet mija u sitta u erbghin punt tnejn metri kwadri (3364.2 m.k.) u dan ma’ ghodda tar-raba’ mhux identifikati stmati mitejn lira Maltija (Lm200); illi l-kuntratt ta’ tpartit hekk maghmul bejn il-kontraenti kien wiehed simulat tant li kemm il-valur tal-ghalqa kien wiehed fittizju u irreali u l-ghodda meritu tat-tpartit kienu ga` jappartjenu lill-missier; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta’ tpartit tal-31 ta’ Dicembru 1988 in atti Nutar Dottor Antoine Agius kien fittizju u b’hekk simulat; u

(2) Konsegwentement tiddikjara illi l-imsemmi att huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri legali tal-1 ta’ April, 1992, 11 ta’ Mejju 1992, 31 ta’ Lulju 1992 u 23 ta’ Settembru 1992 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

B’nota pprezentata fid-29 ta’ Marzu, 1993 il-konvenut eccepixxa:
"(1) Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

"(2) In-nullita` tac-citazzjoni stante li t-tieni talba tinsab priva minn kawzali billi l-allegata simulazzjoni qatt ma setghet twassal ghan-nullita`;

"(3) Fil-meritu, li ma kien hemm ebda simulazzjoni u l-kuntratt huwa validu u, anke jekk kemm-il darba dak li gie allegat fic-citazzjoni kellu jigi pruvat, is-simulazzjoni kienet tkun wahda relattiva u l-att in kwistjoni kien ikun jammonta ghal donazzjoni u ghalhekk jibqa’ validu;

"(4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;"

Rat is-sentenza preliminari tat-12 ta' Novembru 1993 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut ipprezentat fid-9 ta' Jannar 1995 fejn qal illi l-atturi, bhala accettanti l-wirt tal-mejjet missierhom Saverio Sciortino, ma ghandhomx l-interess mehtieg biex jintavolaw l-azzjoni prezenti billi anke jekk l-imsemmi kuntratt huwa simulat u jammonta ghal donazzjoni tali simulazzjoni hija relattiva u mhux assoluta u ma twassalx ghan-nullita` ta' l-att in kwistjoni;

**Is-sentenza appellata**.

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fl-10 ta’ Marzu, 2006 bil-mod segwenti :
“Ghal dawn il-motivi:-

“Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut u ghalhekk:

“(1) Tiddikjara li l-kuntratt ta’ tpartit tal-31 ta’ Dicembru 1988 in atti Nutar Dottor Antoine Agius kien fittizju u b’hekk simulat; u

“(2) Konsegwentement tiddikjara illi l-imsemmi att huwa null u bla effett.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut”.

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ikkunsidrat:

“Mill-provi jirrizulta li Francesco Sciortino, missier il-kontendenti, li miet fil-5 ta' Frar 1990, kellu fost il-proprjeta` immobiljarja tieghu raba’ msejha “Tal-Hrieri”. Wara l-mewt tieghu, l-A.I.C. M’Angelo Refalo gie nkarigat biex jaghmel stima tal-proprjeta` kollha, inkluza l-art “Tal-Hrieri” li tirrizulta maghmula minn erba’ porzjonijiet distinti

li flimkien jaghmlu xi ghaxart itmiem. Fit-testment tieghu tat-28 ta’ Ottubru 1987 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, Francesco Sciortino halla lill-konvenut b’titolu ta’ legat tomna u nofs minn din ir-raba’ li kellha tigi maghzula minnu. L-erba’ ahwa Sciortino gew innominati eredi universali tieghu u ghalhekk il-bqija ta’ din l-art trid tinqasam bejniethom. Il-kontendenti jaqblu li l-parti tar-raba’ li fuqha hemm il-kawza hi indikata bhala porzjon numru erbgha fl-istima tal-Perit Refalo u illi kienet imqabbla lir-ragel ta’ l-attrici Katie Gatt, cioe` Giljan Gatt, minn Francesco Sciortino. Din il-porzjoni giet apparentement trasferita minn Francesco Sciortino lill-konvenut permezz ta’ kuntratt li sar fil-31 ta’ Dicembru 1988 (a fol. 6) fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius b’titolu ta’ tpartit ma’ ghodda appartenenti lill-konvenut b’valur ta’ mitejn lira (Lm200).

“Il-konvenut xehed li l-art tpartet ma' ghodda, li l-ghodda kienet tikkonsisti f'mutur tal-hart u ghodda bhal zappun, srieraq, mqassijiet u anke mutur ta' l-ilma. Qal li parti mill-ghodda m'ghadhiex ghandu ghax il-mutur tal-hart waqaf jahdem u partu ma' iehor. Mistoqsi jekk missieru tahx l-ghodda qal illi hutu riedu parti mill-ghodda wara li kien sar il-kuntratt u missieru qabad u tah il-mutur tal-hart u l-mutur ta' l-ilma. L-ghodda l-ohra kien tahielu wkoll. Dan kien ghall-habta tal-Milied 1989 qabel ma mar l-Isptar. Qal li martu u hu kienu ilhom iduru b'missierhom xi tliet snin.

“L-atturi xehdu illi l-ewwel darba li saru jafu b'dan il-kuntratt kien xi ftit xhur wara l-mewt ta' missierhom meta marru ghand in-Nutar Laferla Saliba dwar id-denunzja ghax qabbadha l-konvenut. Ma nghatawx kopja tieghu izda gabu kopja ftit wara. Il-konvenut jammetti li hu qatt ma qal xejn lill-kontendenti ghax missieru ma riedx li l-konvenut ma jaccettax aktar il-qbiela. Katie Gatt, l-armla ta' Giljan, xehdet li hi baqghet thallas il-qbiela sal-mewt lil missierha.

“Fid-29 ta' Awissu 1991 il-konvenut ipprezenta u ffirma d-denunzja ta' successjoni ta' missieru minghajr ma ssemmiet l-art mertu ta' din il-kawza ghalkemm diga` kien hemm dizgwid fuqha bejn il-partijiet. Fil-fatt Katie Gatt

xehdet illi fuq parir ta' l-avukat u bi qbil bejn l-avukati qabbdu lill-Perit Refalo sabiex jaghmel stima inkluz ta' l-art in kwistjoni,

“Jirrizulta wkoll illi wara l-mewt ta' Francesco Sciortino, il-partijiet dahlu fil-pussess u ddividew materjalment parti mill-assi ereditarju konsistenti fil-legatii mhollja fit-testment ta' missierhom, u dan ghalkemm ma kienx hemm qbil dwar l-art mertu tal-kawza. L-attur Guzi Sciortino in effetti xehed illi hu dahal fil-pussess tal-legat tal-parti tad-dar imhollija lilu xi xhur wara l-mewt ta' missieru. Anthony Farrugia, ir-ragel ta' Filippa Sciortino, xehed illi l-gardina 36 Hali Street, thalliet lil martu u hu beda jiehu hsiebha f'isem martu wara l-mewt ta' missier il-mara. Kien fiha xi tletin sigra tal-frott u l-frott bdew jehduh huma; biddel anke l-bieb tal-gardina. Katie Gatt xedet illi l-fond 14/15 Muxi Street mess lilha u wara l-mewt ta' missierha waqfet thallas il-kera li qabel kienet thallas. Hemm ukoll korrispondenza tal-avukat ta' l-atturi dwar il-wirt tal-missier u b'mod partikolari ittra tal-11 ta' Marzu 1992 fejn hemm dikjarat li sar il-qsim materjali tal-legati mhollija bl-artikolu 8 tat-testment ta' Francesco Sciortino pero` kien ghadu ma sar xejn dwar il-bqija tal-wirt, fosthom il-beni immobiljari inkluz l-art mertu tal-kawza.

“Issa, permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jippruvaw jiddefendu d-dominju taghhom fuq dik il-parti tal-wirt ta' missierhom li jsostnu li giet mghoddija lill-konvenut permezz ta' att simulat u b'hekk gew ingustament privi mis-sehem taghhom li jippretendu li ghandhom bhala werrieta ta' Francesco Sciortino. L-atturi qeghdin jitolbu li l-kuntratt in kwistjoni jigi dikjarat null sabiex b'hekk l-art imsemmija f'dak il-kuntratt tirriverti fl-assi ereditarju ta' missierhom.

“Il-konvenut jirribatti fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa man-nota ta' eccezzjonijiet li l-permuta kienet wahda reali u l-valur moghti lill-ghalqa u lill-ghodda bl-ebda mod ma jista' jinfluwixxi fuq il-validita` ta' l-istess kuntratt. Izid ikompli jghid illi anke jekk wiehed, "ghall-grazzja ta' l-argument" kellu jaccetta li l-valur huwa baxx semmai wiehed jista' biss jghid li l-kuntratt in kwistjoni kien

affett minn simulazzjoni relattiva u mhux assoluta u kien jammonta ghal donazzjoni. Jghid ukoll li l-ghodda in kwistjoni kienet verament tal-konvenut fid-data tal-kuntratt.

“Il-perit legali, fid-dawl tal-provi kollha migbura, ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Id-differenza bejn simulazzjoni assoluta u simulazzjoni relattiva hi illi fl-ewwel kaz ma jkunx hemm kuntratt veru u fit-tieni illi jkun hemm kuntratt izda differenti minn dak apparenti.”

“Kif intqal fil-kawza **Joseph Vassallo vs Carmelo Vassallo et** deciza fit-28 ta’ Frar 1995 Vol. XXXVII (Pg. 791) il-parametri biex tigi pruvata is-simulazzjoni huma stretti u rigoruzi. Dawn il-parametri huma definiti hekk f’din is-sentenza:

“Is-simulazzjoni hija forma ta’ frodi, u min jallegaha ghandu jgib prova konkludenti u perswassiva tas-simulazzjoni.”

“Din il-prova tista ssir bi kwalunkwe mezz permess bil-ligi anke permezz ta’ xhieda. Izda dan il-principju li l-prova tas-simulazzjoni trid tkun konkludenti u perswassiva, ghandu jigi applikat b’rigur akbar meta jigi impunjat att pubbliku.”

“Fuq kollox imbaghad ghandha tirrizulta b’mod inekwivokabbli l-causa simulandi, b’mod li jekk il-prova ma tirnexxix, l-impunjazzjoni taqa.”

“Ix-xhieda ta’ l-attur li jallega s-simulazzjoni ghandha fiha nfisha tigi mehuda bl-akbar cirkospezzjoni meta l-azzjoni tigi proposta wara l-mewt tal-persuna li l-attur jallega li riedet l-att simulat.”

“Biex ikun hemm simulazzjoni jrid ikun hemm ix-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat.”

“Kif intqal imbaghad fil-kawza Giovanna Cachia vs Assuero Gauci (App. Civ. 23.10.1987) is-simulazzjoni

tista tirrizulta minn att ta' provi izda anki minn fatt wiehed lampanti li ma thallix dubbju dwar l-ezistenza tas-simulazzjoni.

"Inoltre ghalkemm wiehed irid jimxi b'kawtela fejn hemm att pubbliku,  izda minn naha 'l ohra lanqas ma jista jinghad li ma jistax jingieb ebda prova kont[ra] dak miktub f'att pubbliku (John Abela et vs Giovanna Abela et App. Civ.  9 ta' Frar 1971).

"Dawn il-parametri ghalkemm rigoruzi gew pruvati f'din il-kawza.  Il-konvenut ma jammettix ebda liberalita da parti ta' missieru lejh.  Pero' zewg fatturi fl-att innifsu juru dan.  L-ewwel nett il-valur indikat fil-kuntratt tal-premuta ta' Lm200 hu esageratament baxx.  L-art in kwistjoni li rceva l-konvenut hi stmata LM1600 mill-perit mqabbad mill-atturi biex jistma l-proprjeta kollha fil-wirt u l-perit Joseph Huntingford mqabbad mill-Qorti biex jistma l-art stmaha Lm6000.  Inoltre hu dubbjuz ferm kemm fil-fatt il-konvenut partat ghodda tar-raba bl-istess valur ma missieru.  Jirrizulta illi missieru kien ilu xi snin li waqaf jahdem l-artijiet li kellu u ghalhekk ma kellux bzonn ta' ghodda.  Inoltre l-konvenut jixhed illi l-ghodda konsistenti f'affarijiet zghar tal-gnien tahomlu missieru iktar minn sena wara l-kuntratt.

"Bla dubbju l-partijiet f'dak il-kuntratt kienu jafu x'qed jaghmlu.  Missier il-kontendenti kien ilu jghix mal-konvenut u martu xi snin, prova li mhix kontradetta fl-atti u Francesco Sciortino ried jaghmel liberalita ma ibnu oltre dak li kien gia hallielu bit-testment minghajr ma jqajjem wisq ir-rabja ta' wliedu 'l ohra billi jimmaschera l-ghotja taht titolu oneruz, li mill-valur citat u n-nuqqas ta' tpartit veru hu lampantement.

"Anki jekk tqis il-grad ta' parentela tal-partijiet fil-kuntratt li allura wiehed jista jifhem illi l-prezz ikun x'aktarx iktar baxx milli kieku wiehed qed jikkuntratta ma barranin, pero` f'dan il-kaz, il-valur dikjarat innifsu jismaschera r-relata u cioe d-donazzjoni li missieru ried jaghti lil ibnu.

"L-esponenti ma jistax jissottometti illi s-simulazzjoni hi wahda assoluta fis-sens illi ma kien jezisti ebda kuntratt izda biss finzjoni ta' kuntratt. Il-grad ta' parentela u anki il-fatt illi fit-testment d-decurius rega pprefera lill-konvenut b'legati ohra juru illi l-partijiet tieghu jaghmlu kuntratt kif fil-fatt ghamlu izda mhux wiehed oneruz imma wiehed gratwitu. Dan il-kuntratt ta' donazzjoni mghotti biex jidher tpartit mhux illegali fih innifsu u ghalhekk ma jistax iwassal ghan-nullita assoluta tieghu. Ma tistax lanqas pero tintlaqa l-eccezzjoni tal-konvenuti illi t-talba attrici hi nulla ghax prova [*recte :*'priva'] minn kawzali li twassal li s-simulazzjoni jirrendi l-kuntratt null. L-esponenti jissottometti illi t-talba attrici hi valida kwantu l-kuntratt ta' tpartit bejn Francesco Sciortino u Alfred Sciortino fil-31 ta' Dicembru 1988 hu null kwantu trasferiment oneruz izda validu kwantu att ta' donazzjoni.

"Il-konvenuti pero` jeccepixxu ukoll illi l-atturi ma ghandhomx interess jintavolaw il-kawza peress illi kienu accettaw il-wirt ta' missierhom. Din l-eccezzjoni tinbet mill-fatt illi fit-testment ta' Francesco Sciortino fl-artikolu 6 tat-testment tieghu ezenta lil uliedu mill-obbligu tal-kollazzjoni. Kwindi jekk jirrizulta illi l-atturi accettaw l-wirt, m'hemmx lok ghall-kollazzjoni tad-donazzjoni tal-art mertu tal-kawza u ghalhekk l-atturi jonqoshom l-interess legali. Dan l-interess inghad fil-kawza Borg vs Scicluna deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 1984 irid ikun tali illi biex wiehed imantni d-domanda gudizzjarja tieghu trid iggiblu rizultat utili u konkret. Ir-rizultat utili u konkret fid-domanda attrici hi illi b'din il-kawza l-art mertu tal-kawza ser tidhol lura fil-partimonju ta' Francesco Sciortino li tieghu l-kontendenti huma wliedu u minnha jmisshom parti l-atturi wkoll, jekk jinstab li huma ma accettawx il-wirt u ghalhekk ghandhom binarji legali successorji miftuha ghalihom.

"L-esponenti jissottometti illi ma ngibitx prova cara illi l-atturi accettaw il-wirt ta' missierhom. Ingiebu provi li d-denunzja ta' missierhom thallset mill-assi tal-mejjet u fuq dan ftehmu l-kontendenti tant li ffirmaw skrittura quddiem in-Nutar Laferla fil-1994. Pero` dan mhux accettazzjoni tal-wirt kif tghid espressament, l-artikolu 33 (5) tal-Att XVII

tal-1993 dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti. Ma rrizultax illi l-bqija tal-flus fil-kont bankarju uniku tal-mejjet tqassmu bejn l-eredi. Anzi jirrizulta l-kuntrarju. Lanqas ma jirrizulta illi l-mobbli tal-mejjet missier il-kontendenti nqasmu. Kull ma ntqal mill-konvenut hu illi qabel il-mewt ta’ missieru ttiehdu xi affarijiet minn daru. Pero ma jirrizultax li l-mobbli ta’ missierhom inqasmu wara mewtu. Lanqas ma jirrizulta li nqasmu l-bqija tal-immobbli tal-mejjet. Il-korrispondenza esebita turi dan b’mod car. Li nqasam kienu l-legati li Francesco Sciortino halla lil uliedu, uhud minnhom gia fil-pussess taghhom. It-tqassim tal-legati ma jikkomportax accettazzjoni tal-wirt. Infatti l-artikolu 862 (1) [*recte* : 862(2)] jghid illi r-rinunzja ta’ wirt ma jipprivax lill-eredi milli jitlob legat imholli lilu. Multo magis fejn l-eredi ghadu ma accettax il-wirt pero` ma rrinunzjax ghalih anqas. Ma ngiebet ebda prova anqas illi xi wiehed mill-atturi ghandu fil-pussess tieghu xi parti mill-eredita kif jitlob l-artikolu 869 tal-Kodici Civili. Fil-kawza Mea et vs Borg deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Gunju 1952 il-Qorti qalet illi tirrikorri accettazzjoni ta’ eredita meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-wirt u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmlu jekk mhux bhala werriet. Dan l-att irid ikun jimplika b’mod necessarju u inekwivokabbli l-volonta f’min jaghmlu li jaccetta l-eredita b’mod li l-att ma jkunx konciljabbli ma volonta diversa. Il-prova ta’ dan l-att ghandha ssir minn min jallega l-accettazzjoni u fid-dubju ghandha tigi eskluza favur is-successibbli u kontra min jallegaha. L-istess intqal fil-kawza Farrugia et vs Farrugia deciza fit-30 ta’ April 1962. L-esponenti jissottometti illi l-konvenut ma rnexxilux jaghmel din il-prova.

“Kwindi l-esponenti jissottometti illi l-atturi wrew li ghandhom interess jaghmlu l-azzjoni ghax ghadhom ma accettawx il-wirt. Il-kawza hi circoskritta biss ghat-talba tan-nullita tal-permuta u l-esponenti mhux ser imur oltre dan. Fil-kawza Joseph Grech vs Ludgarda Grech deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta’ Jannar 1999 qalet illi anki domandi dikjaratorji huma permissibbli purche dawn huma preordinati ghal domanda ohra definittiva u finali. Pero l-Qorti trid tkun perswaza li min jaghmel id-domanda ghandu interess li din il-kawza tifforma l-bazi ta’ kawza

ohra fil-futur liema interess ma ghandux ikun ipotetiku izda konkret.

“Peress illi jidher illi l-atturi bl-otteniment ta’ gudizzju f’din il-kawza fis-sens gia sottomess, ghandhom interess li jippromuovu kawza ohra biex jipprotegu d-drittijiet successorji taghhom, l-esponenti jissottometti illi l-eccezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta’ interess peress illi l-wirt gie accettat ghandha tigi respinta, salv u impregudikat id-drittijiet tal-partijiet fi kwistjonijiet successorji.

“Ghalhekk l-esponenti jissottometti illi t-talba attrici ghandha tintlaqa fis-sens illi l-kuntratt ta’ permuta bejn Francesco Sciortino u Alfred Sciortino tal-31 ta’ Dicembru 1988 ghandu jigi dikjarat simulat u null kwantu kuntratt oneruz izda validu kwantu donazzjoni bejn Francesco Sciortino u Alfred Sciortino.”

“Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett li, kwantu ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut kontenuta fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu tad-29 ta’ Marzu 1993 kif ukoll kwantu ghall-eccezzjon ulterjuri sollevata mill-konvenut fid-9 ta’ Jannar 1995, taqbel perfettament ma’ dak li qal u kkonkluda l-perit legali u ghalhekk m’ghandha xejn x’izzid ma’ dak li qal l-istess perit legali. Waqt is-sottomissjonijiet verbali u fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut pero` gie sottomess illi kull azzjoni possibbli dwar il-wirt li jista’ jkollhom l-atturi tinsab preskritta bid-dekorriment tal-perijodu ta’ ghaxar snin – referenza din ghall-artikolu 845 tal-Kodici Civili. Dan il-perijodu pero` huwa wiehed ta’ preskrizzjoni u mhux ta’ dekadenza (ara **Elena Bonello vs Carmela Bruno Olivier et**, Vol. XXIX.ii.1249; **Salvino Ellul Bonici vs Marquis Paolo Apap Bologna et,** Vol. XLI.ii.1022; **Paolo Camilleri vs Antonio Camilleri**, Prim Awla, 16 ta’ Mejju 1983) u t-terminu gie interrott meta giet intavolata din il-kawza u semmai jerga’ jibda jiddekorri meta tigi definittivament deciza.

“Kwantu mbaghad ghall-mertu tal-kawza, fil-fehma tal-Qorti, wara li qieset dak kollu li ssottometta l-perit legali u dak li ssottomettew il-partijiet kemm verbalment kif ukoll

fin-noti taghhom, hawn ghandna kaz ta' simulazzjoni assoluta. U hawn issir referenza ghas-sentenza citata miz-zewg partijiet fl-ismijiet **Maria Felicia Cremona et vs Michele Abela et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Superjuri Civili) fis-27 ta' Gunju 1960 (Vol. XLIV.i.221):

"**Jekk il-partijiet f'kuntratt jikkonkludu apparentement bejgh li huma ma ridux u fil-fatt ma kellhomx intenzjoni li jikkonkludu kompro-vendita, imma riedu biss joholqu l-apparenza ta' bejgh, b'mod li l-apparenti bejjiegh ma riedx jisvesti ruhu mill-proprjeta` u lanqas l-apparenti xerrej ma ried jakkwista dik il-proprjeta`, l-att li sar hu simulat u nterament fittizju bhala kompro-vendita; u t-talba ghar-rexissjoni ta' dak l-att ghandha tigi milqugha fl-assenza ta' deduzzjoni u provi li verament kien kuntratt iehor.**

"**Ghaldaqstant, jekk il-parti l-ohra ma tallegax u ma tippruvax illi l-intenzjoni kienet li jsir kuntratt iehor, per ezempju donazzjoni, anzi tkompli tinsisti li l-kuntratt kien ta' bejgh, u l-provi jkuru li bejgh ma kienx hemm, allura s-simulazzjoni hi assoluta u l-kuntratt ghandu jigi rexiss.**"

"Fin-nota ta' eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut jinsisti li l-kuntratt in kwistjoni kien verament wiehed ta' tpartit u huwa "ghall-grazzja ta' l-argument" biss li jissolleva li jekk wehed jaccetta li l-valur kien baxx allura jista' jinghad li l-kuntratt kien affett minn simulazzjoni relattiva u kien jammonta ghal donazzjoni. L-allegazzjoni tieghu li l-kuntratt seta' kien jammonta ghal donazzjoni pero` ma hi sostanzjata bl-ebda prova mressqa mill-konvenut. Anzi, filwaqt illi fl-affidavit ma jaghmilx l-icken referenza ghall-kuntratt, in kontro-ezami jaghmel referenza ghat-"tpartit" li ghamel ma' missieru u fl-ebda hin ma jallega li kien hemm donazzjoni jew li l-hsieb ta' missieru kien li jaghmillu donazzjoni.

"Fis-sentenza precitata ntqal hekk:

"**Jekk huwa veru, kif anki l-konvenuti stess donnhom kienu kostretti li jikkoncedu, illi Joseph Abela u l-**

**konvenuti fil-waqt stess li suppost kienu qeghdin jikkonkludu komprovendita, li skond il-ligi (art. 1397 Kod. Civ.) tittrasferixxi mal-kuntratt id-dominju tal-haga flimkien mad-dgawdija u l-pussess taghha, kellhom il-hsieb b'dan kollu illi l-haga ma tohrogx verament mid-dominju materjali u mill-pussess u d-dgawdija taghha da part tal-venditur, allura komprovendita vera u reali ma kienx hemm. Billi kkreaw l-apparenza taghha kien skop taghhom illi wara l-mewt tal-venditur il-konvenuti jibqghu jidhru bhala s-sidien b'dak it-titolu. Izda in kwantu din kienet l-intenzjoni, il-kuntratt ma kienx komprovendita, izda talvolta disposizzjoni 'causa mortis', li ma setghetx effikacement issir b'dak il-mezz.**
**…**
"**Il-fatt illi l-partijiet fl-att impunjat setghu talvolta ghazlu mezz iehor genwin u reali li bih kienu jottjenu l-iskop taghhom ma jfisser xejn. Fl-esperjenza tal-hajja hija xorti tajba ghall-osservanza u ezekuzzjoni tal-ligi illi, bosta drabi, min jahseb biex jordixxi evazjoni jew ksur taghha juza mezzi inidonei, jew bosta drabi jaghmel zbalji talvolta banali, li fortunatament jisfrattaw l-iskop tieghu**."

"Dak li ntqal fis-sentenza citata japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern. Ghalhekk meta jittiehdu l-provi u l-indizji kollha f'daqqa, din il-Qorti tikkonkludi li l-atturi rnexxielhom jippruvaw illi l-att impunjat kien fittizju u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu milqugha."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fid-29 ta' Marzu, 2006 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza u b'hekk tiddecidi billi tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

L-atturi pprezentaw risposta fid-19 ta' April, 2006 fjen talbu li previa l-konferma tas-sentenza appellata tichad l-

appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**L-aggravji tal-appellanti**.

Il-konvenut appellant basikament ressaq tlett aggravji kontra s-sentenza appellata li jistghu jigu sintetizzati hekk:
a) Il-karenza ta' interess fl-atturi biex jistitwixxu din l-azzjoni;
b) Il-preskrizzjoni estinitva ta' ghaxar snin ghal *petitio ereditatis*; u
c) Li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li kien hemm simulazzjoni assoluta.

**Ikkunsidrat:**

Qed jigi sottomess li l-interess fl-atturi li jistitwixxu din l-azzjoni huwa nieqes kemm jekk jirrizulta li l-atturi kienu accettaw il-wirt ta' misierhom u kemm fil-kaz li ma kienux accettaw dak il-wirt. Dan huwa l-bazi ta' l-ewwel zewg aggravji. Gie sottomess li kieku l-ewwel Qorti waslet biex tikkonkludi li l-atturi kienu effettivament accettaw il-wirt ta' missierhom *"isewgi li huma ma ghandhomx interess li jattakkaw att maghmul minn persuna ta minn huma stess huma l-werrieta."* Din is-sottomissjoni mhux accettabbli billi certament l-atturi *qua* eredi ghandhom kull interess li jistabilixxu l-konsistenza tal-assi ereditarju u l-azzjoni promossa hija certament intiza biex dak li sar bi frodi tal-interessi taghhom jigi dikjarat null u konsegwentement huma jibbenefikaw, f'kaz li t-talba tigi milqugha, billi l-istess assi jizdied bil-valur ta' dik il-proprjeta` li giet trasferita, kontra l-interess tal-eredi l-ohra kollha, lill-konvenut.

Qed jigi sottomess li jekk, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, l-atturi ghadhom ma accettawx il-wirt ta' missierhom, l-azzjoni odjerna mhix proponibbli billi bid-dekors ta' ghaxar snin mill-mewt tal-missier, l-atturi jkunu tilfu kull jedd li jirreklamaw id-drittijiet ereditarji taghhom a tenur ta' l-Artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi, ma' dan li l-atturi ma jkollhom ebda dritt jistitwixxu din l-azzjoni billi ma humiex aktar eredi tad-*decujus*.

F’dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li fin-noti tal-eccezzjonijiet pprezentati mill-konvenuti, kemm dik tad-29 ta’ Marzu 1993 sew dik tad-9 ta’ Jannar, 1995, din l-eccezzjoni qatt ma inghatat, u ghalhekk proprjament din l-eccezzjoni ma tistax issa tigi kunsidrata. Biss din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ikkunsidrat dan l-aspett tal-kwistjoni li gie sollevat f’nota tal-osservazzjoni u, korrettament, ikkonkludiet li l-azzjoni odjerna interrompiet d-dekorriment tal-preskrizzjoni. Kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mill-konvenut appellant huwa car li l-iskop ta’ dawn il-proceduri huwa intimament marbut mal-wirt tad-*decujus* billi l-atturi qed jittentaw li l-proprjeta` mertu tal-kuntratt impunjat tidhol tifforma parti mill-assi ereditarju. Dan l-aggravju ghalhekk ma huwiex gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu l-appellanti qed jissottometti li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li s-simulazzjoni kienet wahda assoluta u mhux relattiva b’mod li waslet biex tiddikjara li l-kuntratt in kwistjoni kien wiehed null u bla effett. L-appellant isostni li biex tasal ghal din il-konkluzzjoni tkun qed tghid li d-*decujus* ma riedx jittrasferixxi l-proprjeta` lill-konvenut mentri l-provi kollha huma indikattivi li hekk ried jaghmel.

Simulazzjoni tezisti meta l-partijiet f’kuntratt juru haga b’ohra billi l-iskop finali tal-att ma jkunx dak li jissejjah fil-kuntratt izda jkun iehor. Kaz tipiku li jirrikorri huwa dak ta’ bejgh meta effettivament tkun qed issir donazzjoni. Issa minn ezami tal-provi, kif sewwa osserva l-perit legali mqabbad in prim istanza, jidher li bil-kuntratt tal-31 ta’ Dicembru, 1988, hekk imsejjah kuntratt ta’ permuta, id-*decujus* Francesco Saverio Sciortino ried li l-proprjeta` tal-art indikat fil-kuntratt tghaddi ghand ibnu l-konvenut Alfred Sciortino. Huwa minnu li l-valur indikat fil-kuntratt huwa irrizorju meta paragunat mal-valutazzjoni li tinsab in atti. Huwa minnu ukoll li l-konsiderazzjoni li ta l-konvenut konsistenti f’ghodda tar-raba’ ma kinitx taghmel sens, tenut kont tal-fatt li l-istess Francesco Saverio Sciortino ma kinx ghadu jahdem ir-raba’ u li, fi zmien qasir, l-istess effetti regghu marru, in parti jekk mhux kollha, ghand l-

istess konvenut. Biss dawn il-konsiderazzjonijiet, kif ukoll konsiderazzjonijiet ohra li jissemmew fis-sentenza appellata, huma indikattivi li dak li fil-verita` riedu l-kontraenti kien li l-missier jaghmel donazzjoni lill-ibnu l-konvenut tal-art imsemmija fil-kuntratt u mhux li ma jsir ebda trasferiment. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza citata fis-sentenza appellata u cioe` **Maria Felicia Cremona et v. Michele Abela et** mhux daqstant relevanti ghal kaz sotto ezami billi hemm gie ritenut li l-kontraenti "*ma kellhomx intenzjoni li jikkonkludu kompro-vendita, imma riedu biss joholqu l-apparenza ta' bejgh, b'mod li l-apparenti bejjiegh ma riedx jisvesti ruhu mill-proprjeta` u lanqas l-apparenti xerrej ma ried jakkwista dik il-proprjeta`.*" Fil-kaz in ezami din il-Qorti hija sodisfatta li d-*decujus* ried jittrasferixxi l-art in kwistjoni lill-konvenut u li dan ried jakkwista l-proprjeta` ta' l-istess art. Dan ifisser li s-simulazzjoni adoperata kienet biss relattiva u mhux assoluta b'mod li l-konvenut akkwista l-proprjeta` b'titolu ta' donazzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell tal-konvenut billi filwaqt li tilqa' l-istess appell tiddikjara li l-kuntratt tal-31 ta' Dicembru, 1988 ma ghandux jigi dikjarat null u bla effett billi, ghalkemm fih hemm simulazzjoni, din is-simulazzjoni hija wahda relattiva u mhux assoluta b'dan li l-istess kuntratt ta' permuta huwa effettivament kuntratt ta' donazzjoni; konsegwentement filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici. L-ispejjez fic-cirkostanzi, kemm dawk tal-prima istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghal nofs mill-atturi u kwantu ghar-rimanenti nofs mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------